**MALTA**

**Fit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva**
**(Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti - Kap. 364 tal-Liġijiet ta' Malta)**
**Maġistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 39/17VG**

**KAI Investments Limited**

**Vs**

**Id-Direttur (Taxxa fuq il-Proprjetà) u l-Kummissarju tat-Taxxi**

**Illum 22 ta' Ottubru 2020**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikors ippreżentat mis-soċjetà KAI Investments Limited fis-7 ta' Lulju 2017 permezz ta' liema titlob li t-Tribunal iħassar, jirrevoka u jannulla l-Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. IV133979 maħruġa fil-konfront tagħha mid-Direttur (Taxxa fuq il-Proprjetà) u l-Kummissarju tat-Taxxi u l-konsegwenti Avviż ta' Rifjut datat 12 ta' Ġunju 2017, bl-ispejjeż kontra d-Direttur (Taxxa fuq il-Proprjetà) u l-Kummissarju tat-Taxxi;

Ra d-dokumenti annessi mar-Rikors promotur markati Dok. "KI1" sa' Dok. "KI6" a fol. 4 sa' 24 tal-proċess;

Ra r-Risposta tad-Direttur (Taxxa fuq il-Proprjetà) u tal-Kummissarju tat-Taxxi permezz ta' liema jopponu għall-appell tas-soċjetà Rikorrenti mill-Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. IV133979 u jitlob li l-istess jiġi miċħud, bl-ispejjeż kontra s-soċjetà Rikorrenti, u minflok l-imsemmija Likwidazzjoni ta' Taxxa tiġi kkonfermata stante li: (i) skond l-Artikolu 58(3) tal-Kap. 364 tal-Liġijiet ta' Malta, il-piż tal-prova li l-likwidazzjoni magħmula mill-Kummissarju tat-Taxxi hija ħażina jaqa' fuq is-soċjetà rikorrenti. Peress illi f'dan il-każ l-imsemmija soċjetà Rikorrenti ma hijiex bi ħsiebha tħarrek xhieda għaliex ma semmiet l-ebda xhud fir-Rikors tagħha hekk kif meħtieġ bl-Artikolu 15(2)(d) tal-Kap. 490 tal-Liġijiet ta' Malta, allura dan ifisser li hija ma tista' qatt tipprova l-każ tagħha li l-likwidazzjoni tal-Kummissarju hija eċċessiva jew ħażina skond l-Artikolu 58(3) tal-Kap.364 tal-

Liġijiet ta' Malta; (ii) l-istima u l-likwidazzjoni ta' taxxa mwettqa mill-Kummissarju tat-Taxxi nħadmet b'mod tajjeb fuq il-kejl imsemmi fir-Regolament 3 tar-Regoli dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti, Leġislazzjoni Sussidjarja 364.06, tant illi l-likwidazzjoni nħadmet fuq stimi mħejjija mill-Periti Carmel Cacopardo u Anthony Robinson, li t-tnejn qablu li ċ-ċifra ta' €170,000 indikata fil-kuntratt ta' trasferiment datat 29 ta' April 2016 ma tirriflettix il-valur reali ta' l-appartament li jinsab fi Triq it-Torri, Sliema; (iii) bil-kemm hemm għalfejn jingħad illi appartament f'Tas-Sliema, bil-faċċata tiegħu jħares lejn il-baħar jiswa ferm aktar minn €170,000; (iv) apparte minn hekk it-tlett raġunijiet mogħtija mis-soċjetà Rikorrenti għalfejn skontha l-Likwidazzjoni ta' Taxxa maħruġa fil-konfront tagħha hija eċċessiva, ma humiex raġunijiet tajba biex titwaqqa l-imsemmija Likwidazzjoni ta' Taxxa: (a) in kwantu rigwarda l-ewwel raġuni, il-fatt li fl-att ta' trasferiment il-prezz tat-trasferiment ġie indikat fis-somma ta' €170,000, ma jfissirx li dan il-valur ma jista' jmeriħ ħadd. L-Artikolu 52 tal-Kap.364 tal-Liġijiet ta' Malta fil-fatt jipprovdi li l-Kummissarju tat-Taxxi għandu l-jedd skond il-Liġi li ma jaqbilx ma' valur dikjarat f'kuntratt ta' trasferiment. B'hekk il-prezz dikjarat waħdu ma jistax jitqies bħala prova konklussiva tal-valur rejali tal-ġid trasferit, iktar u iktar meta l-kuntratt ta' trasferiment ma jkunx akkumpanjat b'valutazzjoni professjonali kif imsemmi fir-Regolament 3A tar-Regoli dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti, Leġislazzjoni Sussidjarja 364.06; (b) in kwantu rigwarda t-tieni raġuni mogħtija mis-soċjetà Rikorrenti, il-fatt li s-soċjetà ottjeniet self bankarju fl-ammont ta' €95,000 ma jfissirx li l-appartament trasferit ma jiswiex, fl-istat li kien fih meta ġie trasferit, iktar minn €170,000; (ċ) in kwantu rigwarda t-tielet raġuni mogħtija mis-soċjetà Rikorrenti, fl-ewwel lok ma jirriżultax li s-soċjetà Rikorrenti kienet involuta fil-ftehim anness mar-Rikors promotur bħala Dok. "KI4" stante li l-partijiet kontraenti hemm indikati huma terzi persuni li ma humiex parti f'dawn il-proċeduri. Fi kwalunkwe każ, il-fatt li l-appartament ġie akkwistat bl-iskop li jerġa' jinbena mill-ġdid ma jfissirx li ma kienx jiswa iktar minn €170,000;

Apparte mill-eċċezzjonijiet u kontestazzjonijiet fil-mertu, in linea preliminari d-Direttur (Taxxa fuq il-Proprjetà) u l-Kummissarju tat-Taxxi ssollevaw eċċezzjoni preliminari fis-sens illi ma kellux għalfejn jiġi mħarrek id-Direttur (Taxxa fuq il-Proprjetà) għaliex skond l-Artikolu 3 tal-Kap. 517 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Kap tad-Dipartiment responsabbli mill-kwistjoni mertu ta' dawn il-proċeduri huwa l-Kummissarju tat-Taxxi. B'hekk ai termini ta' l-Artikolu 181B tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta, id-Direttur (Taxxa fuq il-Proprjetà) għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju, in kwantu f'dan il-każ ir-rappreżentanza ġudizzjarja tal-Gvern ta' Malta hija biżżejjed integra bil-preżenza waħdiha tal-Kummissarju tat-Taxxi;

Ra li b'Digriet datat 28 ta' Novembru 2017[1], it-Tribunal, fid-dawl tat-tieni eċċezzjoni sollevata mill-Kummissarju tat-Taxxi u mid-Direttur (Taxxa fuq il-Proprjetà), ikkonċeda lis-soċjetà Rikorrenti żmien ħmistax minn dakinhar sabiex tippreżenta Nota fejn tindika x-xhieda li bi ħsiebha tressaq f'dawn il-proċeduri;

[1] Fol. 42 tal-proċess.

Ra n-Nota ppreżentata mis-soċjetà Rikorrenti fit-30 ta' Novembru 2017[2], fejn telenka x-xhieda li bi ħsiebha tressaq f'dawn il-proċeduri;
Ra d-dokument markat Dok. "KI7", ossia kopja legali ta' l-att ta' trasferiment fl-atti tan-Nutar Tiziana Maria Refalo datat 29 ta' April 2016, esebit mis-soċjetà Rikorrenti permezz ta' Nota ppreżentata fil-15 ta' Jannar 2018 a fol. 46 sa' 57 tal-proċess;

Sema' x-xhieda tal-Perit Malcolm Sullivan mogħtija waqt is-seduta tal-15 ta' Jannar 2018[3] u x-xhieda ta' Andrew Debattista Segond, Direttur tas-soċjetà Rikorrenti, mogħtija waqt is-seduta tad-19 ta' Frar 2018[4], sema' x-xhieda ta' Alex Frendo, rappreżentant tal-Kummissarju tat-Taxxi, mogħtija waqt is-seduta tad-9 ta' April 2018[5] u x-xhieda tal-Perit Anthony Robinson mogħtija waqt is-seduta tad-29 ta' Mejju 2018[6] u ra d-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "AR" a fol. 68 sa' 73 tal-proċess;

Ra n-Nota ta' Sottomissjonijiet tas-soċjetà Rikorrenti a fol. 80 sa' 85 tal-proċess u ra n-Nota Responsiva tal-Kummissarju tat-Taxxi a fol. 87 sa' 91 tal-proċess;

Ra l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkonsidra:**

In forza ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Tiziana Maria Refalo datat 29 ta' April 2016[7], is-soċjetà Rikorrenti akkwistat mingħand Timothy Jason Grech u Taiana Grech *the apartment internally numbered six (6), on the sixth floor level (being the seventh level of the building) forming part of a block of apartments numbered one hundred and ninety six (196) in Tower Road, in Sliema, Malta; together with an undivided pro rata share in ownership of the common parts and common services of the building*. L-appartament ġie trasferit *as free and unencumbered, free from any ground rents and sub-ground rents, free from any servitudes and easements (save for those arising from their physical position), personal or real rights in favour of third parties and with vacant possession*, verso l-prezz ta' €170,000.

In konnessjoni ma' u b'referenza għall-imsemmi trasferiment il-Kummissarju tat-Taxxi inkariga Perit biex jagħtih stima tal-valur reali ta' l-appartament trasferit, fiż-żmien tat-trasferiment. Il-Perit inkarigat mill-Kummissarju tat-Taxxi vvaluta l-appartament in kwistjoni għall-valur ta' €600,000 u in bażi għal tali stima l-Kummissarju tat-Taxxi ħareġ Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. IV133979

[2] Fol. 43 tal-proċess.
[3] Fol. 58 u 59 tal-proċess.
[4] Fol. 61 sa' 63 tal-proċess.
[5] Fol. 65 u 66 tal-proċess.
[6] Fol. 74 u 75 tal-proċess.
[7] Dok. "KI7" a fol. 47 sa' 57 tal-proċess.

datata 9 ta' Jannar 2017[8] fil-konfront tas-soċjetà Rikorrenti permezz ta' liema talabha tħallas is-somma ta' €21,500 bħala taxxa fuq il-valur addizzjonali taxxabbli ta' €430,000, flimkien mas-somma ta' €4,300 bħala taxxa addizzjonali. B'ittra datata 25 ta' Jannar 2017[9], is-soċjetà Rikorrenti oġġezzjonat għall-Likwidazzjoni ta' Taxxa maħruġa fil-konfront tagħha in bażi għas-segwenti oġġeżżjonijiet: *1. Illi fl-ewwel lok, il-valur dikjarat fl-att ta' €170,000 huwa l-valur reali tas-suq ta' l-imsemmija proprjetà; 2. Illi fit-tieni lok, għandu jingħad illi sabiex il-klijenta tiegħi kienet f'posizzjoni illi takkwista l-imsemmi fond, hija talbet finanzjament in parte (u cioè €95,000) għall-imsemmi akkwist mill-Banif Bank Malta plc, liema faċilità bankarja ġiet milqugħa, u dan anke a bażi ta' stima ta' l-istess fond illi ġiet aċċettata mill-istess Bank, u li kieku l-valur mhux wieħed reali, kieku l-bank ma kienx jaċċetta li jagħti l-faċilità illi ta; 3. Illi fit-tielet lok, l-appartament in kwistjoni ġie akkwistat fil-kundizzjoni li kien fih dak iż-żmien, sabiex a spejjeż tas-soċjetà klijenta tiegħi, dan jitwaqqa' u jinbena mill-ġdid, u dan bi spiża ta' €80,000.*

In segwitu għall-oġġezzjoni tas-soċjetà Rikorrenti l-Kummissarju tat-Taxxi inkariga Perit ieħor biex jagħtih stima tal-valur reali ta' l-appartament akkwistat mis-soċjetà Rikorrenti fiż-żmien tat-trasferiment. Jirriżulta li dan il-Perit kien il-Perit Anthony Robinson[10] illi ssottometta l-istima tiegħu lill-Kummissarju tat-Taxxi fis-26 ta' April 2017[11]. Il-Perit Robison ta s-segwenti stimi: stima għall-valur ta' €650,000 għall-appartament numru 6, f'Nru. 196, Tower Road, Sliema[12], u stima għall-valur ta' €850,000 għall-*overlying airspace*[13] - komplessivament iż-żewġ stimi ammontanti għal €1,500,000. B'Avviż datat 2 ta' Mejju 2017[14], il-Kummissarju tat-Taxxi għarraf lis-soċjetà Rikorrenti li *b'referenza għall-oġġezzjoni tiegħek fuq il-kont imsemmi fuq, ninfurmak li l-każ reġa' intabagħat għand perit ieħor imqabbad mid-Dipartiment. Il-valutazzjoni tiegħu tikkonferma l-istima li kien wasal għaliha l-ewwel Perit. Għaldaqstant il-kont mhux se jinbidel.* In segwitu għal din id-deċiżjoni, fit-12 ta' Ġunju 2017 il-Kummissarju tat-Taxxi reġa' ħareġ il-Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. IV133979 fil-konfront tas-soċjetà Rikorrenti fejn talabha tħallas is-somma ta' €21,500 bħala taxxa fuq il-valur taxxabbli addizzjonali ta' €430,000, is-somma ta' €4,300 bħala addizzjonali u s-somma ta' €322.50 bħala imgħax li laħaq iddekorra sat-12 ta' Ġunju 2017, komplessivament ammontanti għal **€26,122.50**[15].

Is-soċjetà Rikorrenti ħassitha aggravata bil-Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. IV133979 maħruġa fil-konfront tagħha fit-12 ta' Ġunju 2017 u interponiet dan l-appell minnha fejn titlob li l-imsemmija Likwidazzjoni ta' Taxxa tiġi mħassra, irrevokata u annullata. Hija tibbaża l-appell tagħha fuq is-segwenti aggravji: (i) il-valur dikjarat fl-att ta' trasferiment ta' €170,000 huwa l-valur reali tas-suq tal-

[8] Dok. "KI1" a fol. 4 tal-proċess.
[9] Dok. "KI2" a fol. 5 tal-proċess.
[10] Fol. 68 tal-proċess.
[11] Fol. 71 tal-proċess.
[12] Fol. 69 tal-proċess.
[13] Fol. 70 tal-proċess.
[14] A tergo ta' fol. 24 tal-proċess.
[15] Dok. "KI6" a fol. 24 tal-proċess.

fond in kwistjoni; (ii) sabiex kienet f'posizzjoni takkwista l-fond in kwistjoni, hija talbet u ottjeniet finanzjament in parte, u cioè finanzjament għas-somma ta' €95,000, mill-Banif Bank Malta p.l.c., liema finanzjament ingħata anke in bażi għal stima tal-fond li ġiet aċċettata mill-istess Bank. Kieku l-valur dikjarat mhux wieħed reali, il-Bank ma kienx jaċċetta li jagħtiha l-faċilità; (iii) il-fond in kwistjoni ġie akkwistat fil-kundizzjoni li kien fih dak iż-żmien sabiex, a spejjeż tagħha, dan jitwaqqa' u jinbena mill-ġdid versu spiża ta' €80,000.

Il-Kummissarju tat-Taxxi u (Taxxa fuq il-Proprjetà), illi tħarrek ukoll mis-soċjetà Rikorrenti, jopponu għall-appell tas-soċjetà mill-Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. IV133979 u jitolbu li l-istess jiġi miċħud u minflok l-imsemmija Likwidazzjoni ta' Taxxa tiġi kkonfermata stante li: (i) skond l-Artikolu 58(3) tal-Kap. 364 tal-Liġijiet ta' Malta, il-piż tal-prova li l-likwidazzjoni magħmula mill-Kummissarju tat-Taxxi hija ħażina jaqa' fuq is-soċjetà rikorrenti. Peress illi f'dan il-każ l-imsemmija soċjetà Rikorrenti ma hijiex bi ħsiebha tħarrek xhieda għaliex ma semmiet l-ebda xhud fir-Rikors tagħha hekk kif meħtieġ bl-Artikolu 15(2)(d) tal-Kap. 490 tal-Liġijiet ta' Malta, allura dan ifisser li hija ma tista' qatt tipprova l-każ tagħha li l-likwidazzjoni tal-Kummissarju hija eċċessiva jew ħażina skond l-Artikolu 58(3) tal-Kap.364 tal-Liġijiet ta' Malta; (ii) l-istima u l-likwidazzjoni ta' taxxa mwettqa mill-Kummissarju tat-Taxxi nħadmet b'mod tajjeb fuq il-kejl imsemmi fir-Regolament 3 tar-Regoli dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti, Leġislazzjoni Sussidjarja 364.06, tant illi l-likwidazzjoni nħadmet fuq stimi mħejjija mill-Periti Carmel Cacopardo u Anthony Robinson, li t-tnejn qablu li ċ-ċifra ta' €170,000 indikata fil-kuntratt ta' trasferiment datat 29 ta' April 2016 ma jirriflettix il-valur reali ta' l-appartament li jinsab fi Triq it-Torri, Sliema; (iii) bil-kemm hemm għalfejn jingħad illi appartament f'Tas-Sliema, bil-faċċata tiegħu jħares lejn il-baħar jiswa ferm aktar minn €170,000; (iv) apparte minn hekk it-tlett raġunijiet mogħtija mis-soċjetà Rikorrenti għalfejn skontha l-Likwidazzjoni ta' Taxxa maħruġa fil-konfront tagħha hija eċċessiva, ma humiex raġunijiet tajba biex titwaqqa l-imsemmija Likwidazzjoni ta' Taxxa: (a) in kwantu rigwarda l-ewwel raġuni, il-fatt li fl-att ta' trasferiment il-prezz tat-trasferiment ġie indikat fis-somma ta' €170,000, ma jfissirx li dan il-valur ma jista' jmeriħ ħadd. L-Artikolu 52 tal-Kap.364 tal-Liġijiet ta' Malta fil-fatt jipprovdi li l-Kummissarju tat-Taxxi għandu l-jedd skond il-Liġi li ma jaqbilx ma' valur dikjarat f'kuntratt ta' trasferiment. B'hekk il-prezz dikjarat waħdu ma jistax jitqies bħala prova konklussiva tal-valur reali tal-ġid trasferit, iktar u iktar meta l-kuntratt ta' trasferiment ma jkunx akkumpanjat b'valutazzjoni professjonali kif imsemmi fir-Regolament 3A tar-Regoli dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti, Leġislazzjoni Sussidjarja 364.04; (b) in kwantu rigwarda t-tieni raġuni mogħtija mis-soċjetà Rikorrenti, il-fatt li s-soċjetà ottjeniet self bankarju fl-ammont ta' €95,000 ma jfissirx li l-appartament trasferit ma jiswiex, fl-istat li kien fih meta ġie trasferit, iktar minn €170,000; (ċ) in kwantu rigwarda t-tielet raġuni mogħtija mis-soċjetà Rikorrenti, fl-ewwel lok ma jirriżultax li s-soċjetà Rikorrenti kienet involuta fil-ftehim anness mar-Rikors promotur bħala Dok. "KI4" stante li l-partijiet kontraenti hemm indikati huma terzi persuni li ma humiex parti f'dawn il-proċeduri. Fi kwalunkwe każ, il-fatt li l-appartament ġie akkwistat bl-iskop li jerġa' jinbena mill-ġdid ma jfissirx li ma kienx jiswa iktar minn €170,000.

Il-Kummissarju tat-Taxxi u d-Direttur (Taxxa fuq il-Proprjetà) issollevaw ukoll eċċezzjoni preliminari fis-sens illi ma kellux għalfejn jiġi mħarrek id-Direttur (Taxxa fuq il-Proprjetà) għaliex skond l-Artikolu 3 tal-Kap. 517 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Kap tad-Dipartiment responsabbli mill-kwistjoni mertu ta' dawn il-proċeduri huwa l-Kummissarju tat-Taxxi. B'hekk ai termini ta' l-Artikolu 181B tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta, id-Direttur(Taxxa fuq il-Proprjetà) għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju, in kwantu f'dan il-każ ir-rappreżentanza ġudizzjarja tal-Gvern ta' Malta hija biżżejjed integra bil-preżenza waħdiha tal-Kummissarju tat-Taxxi.

Fil-fehma tat-Tribunal l-ewwel kwistjoni li għandha tiġi trattata hija appuntu dik sollevata mill-Kummissarju tat-Taxxi u mid-Direttur (Taxxa fuq il-Proprjetà) bl-eċċezzjoni preliminari tagħhom fis-sens illi d-Direttur (Taxxa fuq il-Proprjetà) ma huwiex leġittimu kontradittur tas-soċjetà Rikorrenti fil-proċeduri odjerni u għalhekk għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju.

Minn eżami tal-Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. IV133979 maħruġa fid-9 ta' Jannar 2017[16], ossia l-Likwidazzjoni ta' Taxxa maħruġa l-ewwel darba fil-konfront tas-soċjetà Rikorrenti w anke minn eżami ta' l-Avviż tal-Kummissarju tat-Taxxi datat 2 ta' Mejju 2017[17], jirriżulta immedjatament evidenti li d-Direttur (Taxxa fuq il-Proprjetà) ma kienx qed jaġixxi f'ismu propio imma kien dejjem qed jaġixxi u jidher għan-nom tal-Kummissarju tat-Taxxi. Sfortunatament ma ġietx esebita kopja integra tal-Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. IV133979 maħruġa fit-12 ta' Ġunju 2017[18], b'dana għalhekk ma jirriżultax minn min ħarġet, iżda t-Tribunal huwa tal-fehma li bi probabilità kbira din il-Likwidazzjoni ta' Taxxa ukoll inħarġet mid-Direttur (Taxxa fuq il-Proprjetà) għan-nom tal-Kummissarju tat-Taxxi. Jirriżulta għalhekk li l-vertenza kollha in kwistjoni kienet u għadha bejn il-Kummissarju tat-Taxxi u s-soċjetà Rikorrenti bil-konsegwenza għalhekk li huwa il-Kummissarju tat-Taxxi biss li huwa l-leġittimu kontradittur tas-soċjetà f'dawn il-proċeduri u mhux ukoll id-Direttur (Taxxa fuq il-Proprjetà).

Apparte dak li jirriżulta mill-Likwidazzjoni ta' Taxxa u mill-Avviż tal-Kummissarju tat-Taxxi datat 2 ta' Mejju 2017, ai termini ta' l-Artikolu 3(5) ta' l-Att dwar il-Kummissarju tat-Taxxi, Kap.517 tal-Liġijiet ta' Malta, liema Att daħal fis-seħħ fl-20 ta' Jannar 2012[19], *il-Kummissarju għandu jkollu r-rappreżentanza legali u ġudizzjarja tal-Gvern fid-dokumenti, atti ġudizzjarji u azzjonijiet kollha li jkollhom x'jaqsmu mal-ġbir ta' taxxa u* ***ma' kull kwistjoni oħra li d-dipartiment tat-taxxa jkollhom interess fiha***[20]*, kemm-il darba dik ir-rappreżentanza ma tkunx ġiet delegata skond is-subartikolu (4).* B'effett mill-24 ta' Ġunju 2014[21], il-Kummissarju tat-Taxxi reġa assuma d-drittijiet, id-dmirijiet, is-setgħet u l-funzjonijiet kollha vestiti fih taħt l-Att dwar it-Taxxa fuq id-

[16] Dok. "KI1" a fol. 4 tal-proċess.
[17] A tergo ta' fol. 24 tal-proċess.
[18] Dok. "KI6" a fol. 24 tal-proċess.
[19] Avviż Legal 16 ta' l-2012.
[20] Enfasi tat-Tribunal.
[21] Vide Gazzetta tal-Gvern ipbbulikata fit-8 ta' Awwissu 2014.

Dokumenti u Trasferimenti, Kap. 364 tal-Liġijiet ta' Malta, li kienu ġew minnu delegati lid-Direttur Ġenerali (Taxxi Interni). Konsegwentement għalhekk u fid-dawl ta' dak provdut fl-artikolu tal-Liġi appena ċitat huwa evidenti li l-leġittimu kontradittur tas-soċjetà Rikorrenti fil-proċeduri odjerni huwa l-Kummissarju tat-Taxxi u mhux id-Direttur (Taxxa fuq il-Proprjetà) li, kif già ngħad iktar 'l fuq kien qed jaġixxi għan-nom tal-Kummissarju tat-Taxxi.

Fid-dawl ta' dan osservat għalhekk jirriżulta evidenti li d-Direttur(Taxxa fuq il-Proprjetà) ma huwiex il-leġittimu kontradittur tas-soċjetà RIkorrenti u konsegwentement għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju.

Il-Kummissarju tat-Taxxi ssolleva eċċezzjoni oħra li tista' titqies - għall-inqas in parte - waħda ta' natura preliminari u cioè l-eċċezzjoni li skond l-Artikolu 58(3) tal-Kap. 364 tal-Liġijiet ta' Malta, il-piż tal-prova li l-likwidazzjoni magħmula mill-Kummissarju tat-Taxxi hija ħażina jaqa' fuq is-soċjetà rikorrenti. Peress illi f'dan il-każ l-imsemmija soċjetà Rikorrenti ma hijiex bi ħsiebha tħarrek xhieda għaliex ma semmiet l-ebda xhud fir-Rikors tagħha hekk kif meħtieġ bl-Artikolu 15(2)(d) tal-Kap. 490 tal-Liġijiet ta' Malta, allura dan ifisser li hija ma tista' qatt tipprova l-każ tagħha li l-likwidazzjoni tal-Kummissarju hija eċċessiva jew ħażina skond l-Artikolu 58(3) tal-Kap.364 tal-Liġijiet ta' Malta.

In forza ta' Digriet datat 28 ta' Novembru 2017[22], it-Tribunal ikkonċeda lis-soċjetà Rikorrenti żmien ħmistax minn dakinhar sabiex tippreżenta Nota fejn tindika x-xhieda li bi ħsiebha tressaq f'dawn il-proċeduri. Din in-Nota ġiet fil-fatt ippreżentata mis-soċjetà Rikorrenti fit-30 ta' Novembru 2017[23] u għaldaqstant parti minn din l-eċċezzjoni sollevata mill-Kummissarju tat-Taxxi ġiet sorvolata.

Trattati dawn il-kwistjonijiet it-Tribunal ser jgħaddi biex jittratta l-appell tas-soċjetà Rikorrenti fil-mertu.

In sostenn tal-pretensjoni tagħha li l-prezz dikjarat fl-att ta' trasferiment, ossia l-prezz ta' €170,000, jirrifletti l-valur reali ta' l-appartament akkwistat minnha fiż-żmien tat-trasferiment is-soċjetà Rikorrenti ressqet bħala xhud, *inter alia*, lill-Perit Malcolm Sullivan. L-imsemmi Perit ikkonferma r-rapport li huwa għamel għas-soċjetà Rikorrenti dwar l-istat ta' l-appartament in kwistjoni w kkonferma wkoll l-istima li huwa ta ta' l-imsemmi appartament, ossia dik ta' €170,000.

Fir-rapport[24] in kwistjoni l-Perit Sullivan ikkonstata li *the property consists of a top floor apartment in a block of 6 apartments and overlying a garage at ground floor. … The property is built using a mix of hollow and in filled concrete block work walls with reinforced concrete beams and cast in situ reinforced concrete slabs forming the ceiling. With reinforced concrete foundations. The footprint of the site is of circa 165sqm. The property consists of a 2 bedroom apartment in very poor condition. Finishes are in poor condition, it is the professional opinion*

[22] Fol. 42 tal-proċess.
[23] Fol. 43 tal-proċess.
[24] Fol. 21 u 22 tal-proċess.

*of the undersigned that the apartment requires considerable structural repairs as well as a total renovation. For this reason this property is being valued as an airspace at level 6. The property is reported to be freehold. … Taking into consideration the location of the property, the size of the property, its location, the age and general condition of the structure, and other factors, the undersigned is hereby certifying the property as an airspace with a market value of €170,000 (one hundred and seventy thousand Euro) valued in December 2015.*

Fix-xhieda li ta waqt is-seduta tal-15 ta' Jannar 2018[25], il-Perit Sullivan iddikjara li *il-valur li tajt hawnhekk huwa biss għal dak is-sular. Dik il-faxxa ta' l-arja ta' appartament numru 6. Meta jiena għamilt inspection fuq il-post, il-post kien qiegħed żdingat ħafna. Apparti minn hekk kien fih problemi strutturali. Is-saqaf kellu ħafna xogħlijiet. Dan kien it-top most level. Meta tiġi biex tagħmel xogħlijiet f'dak l-għoli mhux qisek qed tagħmlu f'terran. Ovvjament trid tower crane, l-ispejjeż li trid biex tagħmel dawk ix-xogħlijiet huma sostanzjali wkoll u m'humiex xogħlijiet normali. U strutturalment kien qiegħed ħażin ħafna l-post. Imbagħad kienu saru xogħlijiet ta' travi u l-valur tiegħu huwa jiġifieri dawn kważi kważi huwa agħar minn arja biss għaliex kieku arja taqbad u tibniha għal dak is-sular imma hawnhekk kellna nagħmlu x-xogħlijiet biex isiru x-xogħlijiet wara. … inżarmaw, inkissru, insaħħu biċċiet.* Mistoqsi ta' xiex għamel stima u ta valur, il-Perit Sullivan wieġeb *ta' dak il-fond number 6, in fatti apartment number 6 not the air space above.*

Il-Kummissarju tat-Taxxi rribatta għal din ix-xhieda bix-xhieda tal-Perit Anthony Robinson, li kien il-Perit inkarigat mill-Kummissarju in segwitu għall-oġġezzjoni tas-soċjetà Rikorrenti għall-Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. IV133979 maħruġa fid-9 ta' Jannar 2017, u bix-xhieda tar-rappreżentant tiegħu Alex Frendo. Apparte minnhekk il-Kummissarju esebixxa wkoll l-istimi u l-Engineer's Property Valuation Check Lists imħejjija mill-Perit Robinson, a fol.69 sa' 73 tal-proċess.

Fir-rigward ta' l-istimi tiegħu l-Perit Robinson[26] xehed *il-proprjetà kienet kostitwita minn appartament fis-sular ta' fuq nett, penthouse inkluż l-arja libera ta' fuqu illi dak iż-żmien kienet tippermetti l-kostruzzjoni ta' erba' sulari addizzjonali fuq dan l-istess appartament. It-trasferimet kien jinvolvi appartament u arja li kienu jistgħu jinbnew erba' units oħra. Kif imbagħad ikkostatajt meta għamilt l-ispezzjoni tiegħi fuq is-sit, dawn l-appartamenti addizzjonali nbnew u għalkemm ma dħaltx fil-post għax it-taxpayer m'attendiex u għalkemm ipposponejna l-appuntament fuq talba tiegħu, meta kellu jiltaqa' magħna reġa ma attendiex u għamilna dak li jissejjaħ best of judgement skond il-protocol tad-dipartiment. Dan il-best of judgement għalkemm huwa spezzjoni minn barra tal-proprjetà, illum huwa faċilitat permezz ta' sistemi Emaps ta' l-Awtorità ta' l-Ippjannar li fuqha jista' jsib il-pjanti ta' l-applikazzjonijiet allura tkun tista' tiddetermina b'mod preċiż, għalkemm ma tarax fil-fatt, dak li hemm fil-post. Jiġifieri nista' ngħid illi l-valutazzjoni tagħna għalkemm ma rajniehx*

[25] Fol. 58 u 59 tal-proċess.
[26] Vide xhieda mogħtija waqt is-seduta tad-29 ta' Mejju 2018, fol. 74 u 75 tal-proċess.

*minn ġewwa l-post, ħadt ir-ritratti minn barra u rajt l-arjiet li nbnew allura kont naf li il-valur kien ser ikun dak li fl-aħħar ikkalkulajt jiena. Il-valuri li lħaqt jiena kienu 650,000 għall-appartament eżistenti u 850,000 għall-arja li setgħu jinbnew erba' units oħra.* Fir-rigward tal-valur ta' €650,000 għall-appartament eżistenti l-Perit xehed li *l-valur jiġi mill-fatt illi l-appartamenti huma fuq Tower Road, Sliema, bil-veduti miftuħin tal-baħar u huma fost l-aktar real estates expensive illi hawn Malta.*

Ir-rappreżentant tal-Kummissarju tat-Taxxi Alex Frendo[27] xehed illi *bażikament nixtieq nagħti daqsxejn ta' spjegazzjoni dwar il-valuation. Milli rajt fil-file hawnhekk rajna stima tal-Perit Sullivan jekk m'inix sejjer żball fil-kunjom u fl-istima tiegħu l-Perit fl-ebda mod, jekk mhux bi żvista jew inkella forsi biex ma jiġbidx id-dawl fuqha l-ħaġa, fl-ebda ħin ma semma' illi din il-proprjetà li qegħdin nitkellmu dwarha f'Tower Road, f'Tas-Sliema, hija mhux sea view ta imma hija sea front. Jiġifieri jiena qed nitlob lill-Onorevoli Qorti fejn dan il-punt li huwa tant importanti sea front, f'Tas-Sliema, nitfgħu ftit id-dawl, spotlight, fuqha għaliex kwalunkwe proprjetà li qed nitkellmu, Triq it-Torri, jekk hijiex appartament, jekk hijiex penthouse, whatever state it is in, jekk hijiex poorly finished jew whatever, il-fatt illi hija sea front, kemm taqsam it-triq u taqa' l-baħar, dak huwa illi naħseb fl-opinjoni tiegħi għandu jiġi meħud. Fl-istess waqt, il-Perit tagħna għamel comment fic-check list tagħna fejn qal illi din il-proprjetà is an upmarket property in a most sought after Sliema location and enjoying spectacular guaranteed sea views from its front terrace and open plan living room.* Alex Frendo kkonferma li hawn qed jirreferi għall-Perit Anthony Robinson u għall-mistoqsija tat-Tribunal *li kien il-Perit fuq ta' min ibbażajtu mbagħad l-assessment li qed jiġi appellat hux hekk?* Wieġeb *iva hekk hu eżatt.*

Għalkemm Alex Frendo ddikjara li l-Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. IV133979 maħruġa fil-konfront tas-soċjetà Rikorrenti hija bbażata fuq l-istima tal-Perit Anthony Robinson, li kif dikjarat mill-imsemmi Perit kienet ta' €650,000 għall-appartament, minn konsiderazzjoni akkurata tal-Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. IV133979 maħruġa fid-9 ta' Jannar 2017[28] u mill-ġdid fit-12 ta' Ġunju 2017[29], u mill-Avviż tal-Kummissarju tat-Taxxi datat 2 ta' Mejju 2017[30], jirriżulta li il-Likwidazzjoni tat-Taxxa mertu ta' dawn il-proċeduri **ma hijiex** ibbażata fuq l-istima tal-Perit Anthony Robinson.

Bil-Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. IV133979 maħruġa fil-konfront tas-soċjetà Rikorrenti fid-9 ta' Jannar 2017, il-Kummissarju tat-Taxxi ddetermina li l-valur addizzjonali taxxabbli li fuqu għandha titħallas taxxa fuq dokumenti u trasferimenti jammonta għal €430,000. Dan ifisser li l-valur likwidat mill-Kummissarju tat-Taxxi, jew aħjar stmat mill-Perit inkarigat mill-Kummissarju tat-Taxxi, bħala l-valur reali ta' l-appartament in kwistjoni fiż-żmien ta' trasferiment huwa ta' €600,000 u mhux ta' €650,000. Bl-avviż datat 2 ta' Mejju

[27] Vide xhieda mogħtija waqt is-seduta tad-9 ta' April 2018, fol. 65 u 66 tal-proċess.
[28] Dok. "KI1" a fol. 4 tal-proċess.
[29] Dok. "KI6" a fol. 24 tal-proċess.
[30] A tergo ta' fol. 24 tal-proċess.

2017 il-Kummissarju tat-Taxxi għarraf lis-soċjetà Rikorrenti li *b'referenza għall-oġġezzjoni tiegħek fuq il-kont imsemmi fuq, ninfurmak li l-każ reġa inbagħat għand perit ieħor imqabbad mid-Dipartiment. Il-valutazzjoni tiegħu tikkonferma l-istima li kien wasal għaliha l-ewwel perit.* ***Għaldaqstant il-kont mhux se jinbidel***[31]. Di fatti fit-12 ta' Ġunju 2017 reġgħet inħarġet il-Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. IV133979 u s-soċjetà Rikorrenti mill-ġdid ġiet mitluba tħallas is-somma ta' €21,500 bħala taxxa fuq il-valur addizzjonali taxxabbli ta' €430,000, flimkien ma' taxxa addizzjonali w imgħaxijiet. Minn dan jirriżulta għalhekk li l-Kummissarju tat-Taxxi bbaża ruħu fuq stima ta' €600,000 bħala l-valur reali ta' l-appartament in kwistjoni fiz-zmien tat-trasferiment, liema stima fiż-żgur ma hijiex dik tal-Perit Anthony Robinson.

Fir-Risposta għall-appell tas-soċjetà Rikorrenti l-Kummissarju tat-Taxxi jippremetti li *l-likwidazzjoni mwettqa mill-Kummissarju tat-Taxxi nħadmet b'mod tajjeb fuq il-kejl imsemmi fir-regolament 3 tar-Regoli dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti (Leġislazzjoni Sussidjarja 364.06). Kemm hu hekk il-likwidazzjoni nħadmet fuq stejjem imħejjija mill-Periti Carmel Cacopardo u Anthony Robinson li t-tnejn qablu li ċ-ċifra ta' €170,000 indikat fil-kuntratt tax-xiri u bejgħ tad-29 ta' April 2016 ma jirriflettix il-valur reali ta' l-appartament li jinsab fi Triq it-Torri Tas-Sliema*[32]. Minn dan jirriżulta għalhekk illi bi probabilità kbira l-Kummissarju tat-Taxxi bbaża l-Likwidazzjoni tat-Taxxa bil-Kont Nru. IV133979 maħruġa fil-konfront tas-soċjetà Rikorrenti fuq stima mħejjija mill-Perit Carmel Cacopardo, liema Perit, għal raġunijiet li jaf biss il-Kummissarju tat-Taxxi, ma tressaqx bħala xhud biex jispjega kif wasal għall-istima tiegħu u x'fatturi ħa in konsiderazzjoni.

Il-fatt li l-Perit Anthony Robinson ivvaluta l-appartament in kwistjoni għall-valur ta' €650,000, li indubbjament huwa valur qrib għal dak ta' €600,000, ma jirrendix b'mod awtomatiku tajba u valida l-istima tal-Perit Carmel Cacopardo, iktar u iktar meta dik l-istima partikolari lanqas inġiebet a konjizzjoni tas-soċjetà Rikorrenti u tat-Tribunal u mhux magħruf fuq liema konsiderazzjonijiet ibbaża ruħu l-Perit Cacopardo biex wasal għal dik l-istima. Apparte l-fatt li già b'punt ta' prinċipju l-istima tal-Perit Anthony Robinson ma tistax tintuża biex tiġi ġustifikata stima magħmula minn Perit ieħor, f'dan il-każ iktar u iktar dan ma jistax isir għaliex hekk kif jirriżulta mix-xhieda tal-Perit Robinson stess, huwa ta stima *best of judgement* għaliex ma rnexxilux jispezzjona l-appartament akkwistat mis-soċjetà Rikorrenti.

Stima *best of judgement* hija stima bbażata purament fuq assunzjonijiet tal-Perit dwar il-proprjetà in kwistjoni u ma tkunx stima bbażata fuq fatti attwali li jirrispekkjaw iċ-ċirkostanzi kollha li joltqu l-proprjetà trasferita. In effetti dan japplika ferm iktar fil-każ in eżami in kwantu l-Perit Robinson esegwixxa l-inkarigu tiegħu fit-13 ta' Marzu 2017, u cioè kważi sena wara l-akkwist ta' l-appartament da parte tas-soċjetà Rikorrenti. F'tali żmien, hekk kif ikkonstatat

---

[31] Enfasi tat-Tribunal.
[32] Para.3 tar-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi, fol. 30 u 31 tal-proċess.

mill-Perit Robinson stess, is-sulari sovrastanti l-appartament akkwistat mis-soċjetà Rikorrenti kienu ġià inbnew li jfisser għalhekk li bi probatilità kbira x-xogħlijiet imsemmija mill-Perit Malcolm Sullivan[33] u minn Andrew Debattista Segond[34] ġià kienu saru u b'hekk l-appartament akkwistat mis-soċjetà Rikorrenti ma kienx għadu fl-istess stat li kien fiż-żmien tat-trasferiment.

Tant l-istima tal-Perit Robinson hija bbażata purament fuq assunzjonijiet li huwa anke assuma, b'mod għal kollox żbaljat, illi s-soċjetà Rikorrenti akkwistat l-appartament in kwistjoni bl-arja tiegħu. Kuntrarjament għal dak ikkunsidrat mill-Perit mill-att ta' l-akkwist jirriżulta li s-soċjetà Rikorrenti akkwistat *the apartment internally numbered six (6), on the sixth floor level (being the seventh level of building) forming part of a block of apartments numbered one hundred and ninety six (196) in Tower Road, in Sliema, Malta; together with an undivided pro rate share in ownership of the common parts and common services of the building; hereinafter referred to as the Property,* mingħajr l-arja tiegħu. In effetti l-att ta' trasferiment jistipula li *the Assignor* - Smarthomes Development Limited - *declares that he originally had a preliminary agreement with the Vendor, the object of which agreement related to the purchase of the Property situated at Sliema, Malta, being transferred in virtue of the third part of this deed and as better described therein. The promise of sale was originally for the price of one million two hundred and fifty thousand Euro (€1,250,000) and was on the Property inclusive of its overlying roof and airspace,* ***though the airspace and roof are being transferred to a third party and assigned on another public deed of today's date, and thus the promise of sale is being amended so that it remain valid and effective on the Property as below defined; and thus the price is being reduced to one hundred and seventy thousand Euro (€170,000)***[35]*. The said preliminary agreement has been registered with the Commissioner of Inland Revenue with the reference letters "P" "S" number two zero one five one zero eight three five (PS201510835) and the sum of twelve thousand five hundred Euro (€12,500) has already been paid by the Assignor as a deposit on stamp duty on the date of registration of the said preliminary agreement with the Inland Revenue Department, as per receipt number five three zero nine five six (530956). The Assignor has now opted to cede his interest and rights which he had in the said preliminary agreement, in so far as they relate to the Property in Sliema, below described and transferred in virtue of the third part of this deed in favour of the Purchaser. And thus the Assignor is ceding all his interest and rights arising from the said preliminary agreement, in so far as such interest and rights affect the below described Property situated at Sliema [transferred in virtue of the third part of this deed], in favour of the Purchaser, which accepts, all the interest and rights of the Assignor arising from the said preliminary agreement, in so far as they relate to the said Property.*

[33] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-15 ta' Jannar 2018, fol. 58 u 59 tal-proċess.
[34] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tad-19 ta' Frar 2018, fol. 61 sa' 63 tal-proċess.
[35] Enfasi tat-Tribunal.

Għalkemm il-Perit ta stima separata għall-arja, il-fatt li huwa għamel tali assunzjoni żbaljata serjament jimpinġi fuq il-validità u korrettezza ta' l-assunzjonijiet l-oħra li huwa seta' għamel biex wasal għall-istima tiegħu. Fid-dawl ta' tali fatt għalhekk, ix-xhieda tal-Perit Anthony Robinson - u jiġi ribadit dana bla preġudizzju għall-fatt li Perit qatt ma jista' jiġġustifika u/jew jissostanzja stima magħmula minn Perit ieħor meta dik l-ewwel stima ma tkunx inġabet a konjizzjoni tat-*taxpayer* u tat-Tribunal - ma tistax' tissostitwixxi x-xhieda tal-Perit Carmel Cacopardo għall-fini li tiġi spjegata non che sostanzjata u ġustifikata l-Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. IV133979 maħruġa fil-konfront tas-soċjetà Rikorrenti.

Għad illi a tenur ta' l-Artikolu 58(3) tal-Kap. 364 tal-Liġijiet ta' Malta *l-piż tal-prova illi l-likwidazzjoni li dwarha jsir l-ilment hija eċċessiva jkun ta' l-appellant*, il-Kummissarju tat-Taxxi jrid jpoġġi lill-appellant fil-posizzjoni li sodisfaċentement ikun jista' jipprova li l-likwidazzjoni ta' taxxa minnu kontestata hija eċċessiva. Dan ċertament ma jistax isir jekk il-Kummissarju tat-Taxxi jressaq 'il quddiem stima u l-Perit li għamel dik l-istima li però ma jkunux la l-istima fuq liema tkun ibbażata l-likwidazzjoni ta' taxxa u lanqas il-Perit li għamel l-istima fuq liema tkun hekk ibbażata l-likwidazzjoni ta' taxxa. Innegabilment il-Kummissarju tat-Taxxi jinsab f'posizzjoni ta' vantaġġ assolut fil-konfront tat-*taxpayer* stante li t-*taxpayer* irid jipprova l-eċċessività ta' likwidazzjoni ta' taxxa maħruġa fil-konfront tiegħu mingħajr però qabel l-intavolar tal-proċeduri ma jkun jaf fuq liema kriterji u konsiderazzjonijiet tkun ġiet ibbażata dik il-likwidazzjoni ta' taxxa. Fid-dawl ta' dan il-fatt, fil-fehma tat-Tribunal ma huwiex ġust fil-konfront tat-*taxpayer* u lanqas jagħmel ġieħ lill-Kummissarju tat-Taxxi illi fil-proċeduri ta' l-appell mill-likwidazzjoni ta taxxa sfaċċatament jabbuża minn dik il-posizzjoni ta' vantaġġ u jressaq 'l quddiem stima b'oħra u Perit b'ieħor.

Fid-dawl ta' dawn il-fatti għalhekk it-Tribunal jinsab f'sitwazzjoni fejn irid jikkonsidra jekk Likwidazzjoni ta' Taxxa maħruġa mill-Kummissarju tat-Taxxi hijiex eċċessiva o meno meta fuq naħa waħda għandu x-xhieda ta' Perit, ossia l-Perit Malcolm Sullivan, li effettivament spezzjona l-fond ftit xhur qabel ma nxtara u ikkonferma li dan kien fi stat żdingat ħafna u kellu problemi strutturali fis-saqaf u kellhom isiru xogħlijiet esetensivi fuqu tant illi l-valur kien biss se mai fl-*airspace at level 6*, ossia l-arja okkupata mill-appartament, valur dan ta' €170,000, liema xhieda ma ġiet bl-ebda mod kontestata, u fuq in-naħa l-oħra pratikament ma għandu xejn għaliex il-Perit li għamel l-istima fuq liema hija bbażata l-Likwidazzjoni ta' Taxxa hawn kontestata ma xehedx f'dawn il-proċeduri u l-Perit li xehed ta stima *best of judgement* addirittura bbażata fuq konsiderazzjonijiet mhux għal kollox korretti.

F'tali ċirkostanzi t-Tribunal iqis li ma jistax iqis u b'hekk jikkonferma bħala korretta il-Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. IV133979 maħruġa mill-Kummissarju tat-Taxxi fil-konfront tas-soċjetà Rikorrenti. Frankament il-fatt waħdu li l-appartament in kwistjoni qiegħed fuq sea front, fatt dan li tant saħaq fuqu Alex Frendo, ma jistax jibbilanċja u b'hekk jiġġustifika Likwidazzjoni ta'

Taxxa li fl-aħħar mill-aħħar l-Kummissarju stess lanqas seħħlu juri bil-mod opportun u sodisfaċneti l-bażi tagħha.

Għal dawn ir-raġunijiet hekk partikolari ta' dan il-każ, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi billi:

- Fl-ewwel lok, jilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi u tad-Direttur (Taxxa fuq il-Proprjetà) u jiddikjara li d-Direttur (Taxxa fuq il-Proprjetà) ma huwiex il-leġittimu kontradittur tas-soċjetà Rikorrenti u għaldaqstant jilliberah mill-osservanza tal-ġudizzju;
- Fil-mertu jilqa' l-appell tas-soċjetà Rikorrenti mill-Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. IV133979 maħruġa fil-konfront tagħha u jħassar, jirrevoka u jannulla l-istess imsemmija Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. IV133979.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri, salv għal dawk relattivi għad-Direttur (Taxxa fuq il-Proprjetà) jkunu a karigu tal-Kummissarju tat-Taxxi, filwaqt li l-ispejjez relattivi għad-Direttur (Taxxa fuq il-Proprjetà) jibqgħu a karigu tas-soċjetà Rikorrenti.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**